**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 2**

It-Tnejn, 22 ta' Ġunju 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.02 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela, ippreseda.

## ATTENDENZA

Il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli l-Onor. Chris Bonett kien imsiefer fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Alex Borg, kien imsiefer fuq xogħol tal-Partit.

Il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Jo Etienne Abela* kien skużat.

~~Il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Jo Etienne Abela~~* il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà l-Onor. Glenn Bedingfield u l-Onor. Janice Abela Chetcuti kienu assenti.

* *Vide Minuti tas-Seduta 9 – 08.07.2026*

## TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

## MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 1 li saret fl-20 ta' Ġunju 2026 kienu kkonfermati.

## ĠURAMENT TA' LEALTÀ TA' MEMBRU ĠDID

Skont ftehim milħuq, fotografu tad-DOI ingħata permess jidħol fil-Kamra sabiex jiġbed ritratti waqt l-għoti tal-ġurament tal-Onor. Cressida Galea.

L-Onor. Cressida Galea ħadet u ffirmat il-Ġurament ta' Lealtà minn idejn l-Ispeaker skont l-artikolu 68 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

## KUNSENS GĦALL-ATTI

L-Ispeaker informa lill-Kamra li l-President ta' Malta għoġobha tagħti l-Kunsens tagħha għal:

- **Att Nru XV tal-2026 –** Att tal-2026 li jemenda l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

**INFORMAZZJONI MILL-ISPEAKER**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 8 | Rapport Annwali tal-Uffiċċju tal-Ombudsman għas-sena 2025 skont artikolu 29 tal-Att dwar l-Ombudsman; |
| P.L. 9 | Rapport bl-isem *Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri - L-attivitajiet li wettaqna fl-2025* ippubblikat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) fis-7 ta' Mejju 2026; |
| P.L. 10 | Kopja tan-Nomination Dossier u tal-Executive Summary bl-isem 'The Maltese Fortifications of the Knights of St John' marbuta mas-sottomissjoni għall-inklużjoni ta' siti fil-World Heritage List, mibgħuta lis-Sedja mill-Ambaxxatur u Delegat Permanenti ta' Malta għall-UNESCO; |
| P.L. 11 | Rapport dwar il-parteċipazzjoni tal-Ispeaker fl-14-il Sessjoni Plenarja tal-International Parliament for Tolerance and Peace li saret fi Skopje, fir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, fl-1 ta' Ġunju 2026; |
| P.L. 12 | Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Kingsway Palace p.l.c. (C-437) vs l-Avukat tal-Istat et deċiża fid-29 ta' Jannar 2026 (Rikors Numru 278/2023 JVC), flimkien ma' ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat 17 ta' Marzu 2026; |
| P.L. 13 | Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Nutar Dr Joanne Lia et vs Raymond Spiteri et deċiża fid-29 ta' Jannar 2026 (Rikors Numru 267/2023 JVC), flimkien ma' ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat 17 ta' Marzu 2026; |
| P.L. 14 | Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Joseph Muscat et vs l-Avukat tal-Istat et deċiża fil-11 ta' Marzu 2026 (Rikors Numru 565/2024 LM), flimkien ma' ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat 20 ta' April 2026; |
| P.L. 15 | Sentenza mogħtija mill Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Gaetano Sultana et vs l-Avukat tal-Istat et deċiża fl-15 ta' April 2026 (Rikors Numru 390/2024 LM), flimkien ma' ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat 20 ta' Mejju 2026; |
| P.L. 16 | Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Monica Ellul noe et vs l-Avukat tal-Istat et deċiża fil-15 ta' April 2026 (Rikors Numru 403/2024 LM), flimkien ma' ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat 21 ta' Mejju 2026; |
| P.L. 17 | Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Joseph Camilleri pro et noe vs l-Avukat tal-Istat et deċiża fl-24 ta' April 2026 (Rikors Numru 17/2024 JVC); |
| P.L. 18 | Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet John Cilia et vs John Mercieca et deċiża fl-24 ta' April 2026 (Rikors Numru 12/2024 JVC); |

P.L. 19 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Anthony Mercieca et vs l-Avukat tal-Istat et deċiża fl-24 ta' April 2026 (Rikors Numru 1/2025 JVC);

P.L. 20 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Dr Patrick Valentino noe et vs Lorenza Muscat et deċiża fl-24 ta' April 2026 (Rikors Numru 14/2024 JVC);

P.L. 21 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet John Cilia et vs Maurice Saliba et deċiża fl-24 ta' April 2026 (Rikors Numru 11/2024 JVC);

P.L. 22 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Anton Zammit et vs l-Avukat tal-Istat et deċiża fit-8 ta' Mejju 2026 (Rikors Numru 6/2024 JVC);

P.L. 23 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Joseph Galea et vs l-Avukat tal-Istat et (Rikors Nru 535/2021/TA) deċiża fit-13 ta' Lulju 2023 u dik tal-Appell datata 4 ta' Mejju 2026, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

P.L. 24 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Alfred Manduca noe vs Joseph Micallef et (Rikors Nru 207/2021 TA) deċiża fis-27 ta' Ġunju 2023 u dik tal-Appell datata 25 ta' Mejju 2026, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

P.L. 25 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Robert Sciberras et vs l-Avukat tal-Istat et (Rikors Nru 445/2022 JVC) deċiża fit-28 ta' Novembru 2024 u dik tal-Appell datata 25 ta' Mejju 2026, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u

P.L. 26 Kopja tal-minuti tas-seduta tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja li saret fil-21 ta' April 2026 dwar il-Każ Nru 1056/2025/3.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Ian Borg, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 27 Avviż Legali 108 tal-2026 – Avviż ta' Bidu fis-Seħħ li stabbilixxa t-28 ta' April 2026 bħala d-data li fiha d-dispożizzjonijiet kollha tal-Online Dispensing of Medicinal Products to Third Countries from Free Zones and Customs Authorised Warehouse Regulations, 2025 (S.L. 458.64) (L.N. 191 tal-2025) għandhom jidħlu fis-seħħ;

P.L. 28 Avviż Legali 111 tal-2026 - Regolamenti tal-2026 dwar ir-Restrizzjoni tal-Użu Rikreattiv tal-Ossidu tad-Dinitroġenu; u

f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 29 Avviż Legali 146 tal-2026 - Ordni tal-2026 li jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Emenda Nru 2); u

P.L. 30 Avviż Legali 150 tal-2026 - Ordni tal-2026 li jemenda l-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali.

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 31 Avviż Legali 160 tal-2026 - Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Titoli ta' Residenzi Ordinarji mibnija fuq Art tal-Gvern mogħtija b'Kirja Agrikola;

P.L. 32 Avviż Legali 161 tal-2026 - Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Titoli għal Residenzi Ordinarji Mibnija fuq Art tal-Gvern Mogħtija b'Ċens Temporanju għal skop Agrikolu;

P.L. 33 Rapport Annwali tal-Awtorità tad-Djar għas-sena 2025;

P.L. 34 Estimi finanzjarji tal-Awtorità tad-Djar għas-sena 2026;

P.L. 35 Rapport annwali tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena 2025 u

P.L. 36 Estimi Finanzjarji tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena 2026.

Il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport, l-Onor. Byron Camilleri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 37 Avviż Legali 166 tal-2026 - L-Ordinamenti tal-2026 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2021 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għall-Grad ta' Bachelor of Fine Arts (Honours) – BFA (Hons) - in Digital Arts - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien;

P.L. 38 Avviż Legali 167 tal-2026 - L-Ordinamenti tal-2026 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Technical Design and Technology – B.Sc. (Hons) TDT – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni;

P.L. 39 Avviż Legali 168 tal-2026 - L-Ordinamenti tal-2026 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019, għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali;

P.L. 40 Avviż Legali 169 tal-2026 - L-Ordinamenti tal-2026 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għas-Certificate for Graduates of Non-EU/EEA Nursing Programmes taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa;

P.L. 41 Avviż Legali 170 tal-2026 - L-Ordinament tal-2026 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-Postgraduate Certificate in Teaching Maltese as a Foreign Language – P.G. Cert. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni;

f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 42 Avviż Legali 154 tal-2026 – Ordni tal-2026 li jemenda l-Ordni dwar il-Ġestjoni tas-Sajd bil-Lampara;

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 43 Avviż Legali 107 tal-2026 – Avviż ta' Bidu fis-Seħħ li stabbilixxa t-28 ta' April, 2026 bħala d-data li fiha d-dispożizzjonijiet kollha tal-Att tal-2026 dwar l-Uffiċċju għall-Analiżi tal-Kreditu (Att Nru VI tal-2026) għandhom jidħlu fis-seħħ;

P.L. 44 Avviż Legali 110 tal-2026 – Avviż ta' Bidu fis-Seħħ li stabbilixxa t-28 ta' April, 2026 bħala d-data li fiha d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21, 23, 24 u 25 (a) tal-Att tal-2025 li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji (Att Nru XVIII tal-2025) għandhom jidħlu fis-seħħ;

P.L. 45 Avviż Legali 148 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 dwar il-Mikro Invest;

P.L. 46 Avviż Legali 151 tal-2026 – Companies Act (Central Data Repository) Regulations, 2026;

P.L. 47 Avviż Legali 152 tal-2026 – Avviż ta' Bidu fis-Seħħ li stabbilixxa l-15 ta' Mejju, 2026 bħala d-data li fiha d-dispożizzjonijiet kollha tal-Companies Act (Central Data Repository) Regulations, 2026 (A.L. 151 tal-2026) għandhom jidħlu fis-seħħ;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 48 Avviż Legali 149 tal-2026 – Direttiva mill-Ministru għall-Finanzi għall-ħruġ ta' €641,500 Stock tal-Gvern ta' Malta bis-7%, 2036 (II);

P.L. 49 Avviż Legali 156 tal-2026 – Regoli tal-2026 li jemendaw ir-Regoli dwar Qligħ Kapitali;

P.L. 50 Avviż Legali 157 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti tad-Dwana;

P.L. 51 Avviż Legali 158 tal-2026 - Regoli tal-2026 li jemendaw ir-Regoli dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti;

P.L. 52 Avviż Legali 162 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kooperazzjoni ma' Ġurisdizzjonijiet Oħra fuq Kwistjonijiet ta' Taxxa;

P.L. 53 Kopja ta' Exemption Order Nru MTCA 127/25 (MF16/2023/204) maħruġa fis-27 ta' April 2026 lil Friends of Don Bosco - Malta, skont l-artikolu 12(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap. 123;

P.L. 54 Kopja ta' Exemption Order Nru MF16/2024/216 maħruġa fis-27 ta' April 2026 lin-Notarial Archives Foundation, skont l-artikolu 12(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap. 123;

P.L. 55 Kopja ta' Exemption Order numru IR 163/86/1 (MF 6/87/1B) maħruġa fid-19 ta' Ġunju 2026 lil numru ta' uffiċjali tal-LAFICO sekondati ma' kumpaniji li fihom LAFICO għandha l-ishma, skont l-artikolu 12(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap. 123;

P.L. 56 Status report ta' sitt xhur mill-persuna kompetenti tal-Pilatus Bank plc għall-perjodu bejn Jannar u Ġunju 2025, skont l-artikolu 29(3)(e) tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, Kap. 371;

P.L. 57 Status report ta' sitt xhur mill-persuna kompetenti tal-Pilatus Bank plc għall-perjodu bejn Lulju u Diċembru 2025, skont l-artikolu 29(3)(e) tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, Kap. 371;

P.L. 58 Rapport Annwali tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) għas-sena 2025; u

P.L. 59 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta (MSA) għas-sena 2025.

Il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 60 Avviż Legali 163 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku);

P.L. 61 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) għas-sena 2025;

P.L. 62 Estimi finanzjarji tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) għas-sena 2026;

P.L. 63 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji konsolidati tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) għas-sena 2025 flimkien mal-estimi finanzjarji għas-sena 2026;

P.L. 64 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji għas-sena 2025 flimkien mal-estimi finanzjarji għas-sena 2026 tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS);

P.L. 65 Rapport Annwali dwar l-Iżvilupp Sostenibbli għas-sena 2025;

P.L. 66 Dokument bl-isem *Malta's Second Voluntary National Review on the Implementation of the 2030 Agenda for Sustainable Development*; u

P.L. 67 Dokument bl-isem *Statistical Annex - Malta's Second Voluntary National Review on the Implementation of the 2030 Agenda for Sustainable Development*.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa ta' dakinhar tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra, l-Onor. Fleur Abela ssostitwixxiet lill-Onor. Ian Borg.

**STQARRIJIET MINISTERJALI**

Il-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, għamel stqarrija ministerjali dwar l-eżitu tal-Kunsill Ewropew li ltaqa' fit-18 u d-19 ta' Ġunju 2026.

Fid-diskussjoni ħadu sehem ukoll l-Onor. Alex Perici Calascione, l-Onor. Beppe Fenech Adami, l-Onor. Mark Anthony Sammut u l-Onor. Beppe Galea.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. INDIRIZZ B'RISPOSTA GĦAD-DISKORS TAL-PRESIDENT TA' MALTA - MOZZJONI 3**

L-Onor. Mariah Meli ressqet din il-mozzjoni:

Aħna Membri tal-Kamra tad-Deputati, nirringrazzjawk, kif huwa d-dmir tagħna, għad-diskors li għoġbok ġentilment tagħmel lill-Kamra tad-Deputati fil-Ftuħ tal-Ħmistax-il Parlament.
L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li d-diskussjoni dwar din il-mozzjoni kellha tkun skont il-ftehim verbalizzat fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra li kienet saret aktar kmieni dakinhar.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Ian Borg, l-Onor. Alex Perici Calascione, l-Onor. Omar Farrugia, l-Onor. Bernard Grech, l-Onor. Romilda Zarb, l-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Deborah Schembri, l-Onor. Mark Anthony Sammut, l-Onor. Anthony Agius Decelis, l-Onor. Stanley Zammit, l-Onor. Fleur Abela, l-Onor. Toni Bezzina, l-Onor. Beppe Fenech Adami u l-Onor. Clyde Caruana.

Il-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, l-Onor. Omar Farrugia, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 68 Rapport bl-isem *Children and armed conflict* maħruġ fis-16 ta' Ġunju 2026 mill-Assemblea Ġenerali tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Unitit (A/80/723-S/2026/357); u

P.L. 69 Rapport bl-isem *Conflict-related sexual violence* (S/2026/321) magħmul mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, ippreżentat lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti fil-21 ta' April 2026.

Fis-7.31 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Finanzi, l-Onor. Clyde Caruana, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 23 ta' Ġunju 2026 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

1. Indirizz b'risposta għad Diskors tal President ta' Malta – Kontinwazzjoni

Il-Ministru għall-Finanzi informa lill-Kamra li din is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet, il-ħin tal-interuzzjoni tax-xogħol ikun fis-7.30 p.m. u li l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Fis-7.32 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għat-Tlieta, 23 ta' Ġunju 2026 fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Finanzi.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. CARMELO ABELA**

**SPEAKER**